**11 ta' Ġunju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Carmelo Farrugia

*versus*

Annetta Galea et.

**Novazzjoni — Delegazzjoni — "Animus Novandi" — Art. 1222(b), 1224(2), u 1226 tal-Kap. 23.**

*Biex ikun hemm novazzjoni bid-dbiddil tad-debitur, jeħtieġ li d-debitur il-ġdid jiġi mqiegħed flok il-qadim, u dan jiġi meħlus mill-kreditur. It-tismija weħedha, magħmula mid-debitur, ta' persuna li għandha tħallas minfloku, ma ġġibx novazzjoni; imma hu indispensabbli l-kunsens tal-kreditur, biex tiġi operata n-novazzjoni; u d-delegazzjoni li biha d-debitur jagħti lill-kreditur tiegħu debitur ieħor li jintrabat lejn il-kreditur ma ġġibx novazzjoni, jekk il-kreditur ma jkunx iddikjara espressament il-volontà tiegħu li jeħles lid-debitur li jkun għamel id-delegazzjoni.*

*L-"animus novandi" għandu jirriżulta ċar mill-att stess, u mhux leċitu li wieħed jargwieh minn preżunzjonijiet.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenuta Annetta Galea otteniet minn din il-Qorti, fid-29 ta' Mejju 1959, il-ħruġ ta' mandat ta' impediment tas-safar kontra tiegħu għas-somma bilanċjali ta' £3,045. 12. 6 oltre l-imgħax, dovut skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Vincenzo Maria Pellegrini taż-17 ta' Marzu 1953 (dok. A); u illi fl-okkażjoni li hu xolja kwalunkwe konnessjoni kummerċjali mall-konvenuti aħwa Farrugia (dok. B u C) il-konvenuta rrikonoxxiet kjarament bħala debitriċi tagħha d-ditta "Farro Tobacco Company", u sallum baqgħet tirċievi minn għandha pagamenti akkont għal somma rilevanti tad-debitu fuq riferit (dok. D), u għalhekk hu jinsab liberat mill-imsemmi dejn, u konsegwentement il-mandat fuq riferit ma jistax jibqa' jseħħ kontra tiegħu; talab li, prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni li huwa mhux debitur tal-konvenuta Galea, tiġi revokata l-eżekuzzjoni tal-imsemmi mandat ta' impediment tas-safar għallmotivi fuq riferiti. B'riżerva għad-danni u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-konvenut jallega li hemm novazzjoni bid-dbiddil tad-debitur; iżda, biex ikun hemm din in-novazzjoni, jeħtieġ, skond il-liġi, li d-debitur ġdid jiġi mqiegħed f'lok il-qadim, u dan, jiġifieri l-qadim, jiġi meħlus mill-kredtur (art. 1222(b) Kodiċi Ċivili). U "t-tismija weħedha", tkompli tgħid il-liġi, "magħmula mid-debitur, ta' persuna li għandha tħallas minfloku, ma ġġibx novazzjoni" (art. 1224(2) Kodiċi ċitat). Il-kunsens tal-kreditur hu indispensabbli biex tiġi operata n-novazzjoni. "Id-delegazzjoni", tgħid il-liġi, "li biha d-debitur jagħti lill-kreditur tiegħu debitur ieħor, li jintrabat lejn dan il-kreditur, ma ġġibx novazzjoni, jekk il-kreditur ma jkunx iddikjara espressament il-volontà tiegħu li jeħles lid-debitur li jkun għamel id-delegazzjoni" (art. 1226 Kodiċi ċitat). L-"animus novandi" għandu jirriżulta ċar mill-att stess, u mhux leċitu

li wieħed jarguwieh minn preżunzjonijiet (Kollez. XVIII-III-23; u XXI-III-2 u 35);

Illi fil-każ preżenti jirriżulta li l-konvenuta, f'ċertu żmien, irċeviet pagamenti akkont tal-kreditu tagħha kontra l-attur minn għand id-ditta "Farro Tobacco Co." u rrilaxxjat riċevuta bl-isem ta' din id-ditta; iżda l-volontà tagħha li teħles lill-attur lanqas ma tirriżulta mill-fatti deposti mill-istess attur; u mbgħad, mill-fatti deposti mill-Avukat Dottor Emmanuele Bonnici jirriżulta kjarament li ma kellha ebda ntenzjoni li tillibera lill-attur, anzi wriet kjarament lill-istess debitur li ma riedetx teħelsu, u li aċċettat il-pagamenti mill-imsemmija ditta biex iżżid debituri oħra miegħu;

Għaldaqstant;

Tirrespinġi l-istanza; bl-ispejjeż kontra l-attur.